Nru./No. 21,476
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 25 ta' Lulju, 2025
Friday, 25th July, 2025

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern 10,021
Government Notices *10,021*

Avviżi tal-Pulizija ..... 10,021 - 10,022
Police Notices ..... *10,021 - 10,022*

Avviżi tal-Qorti ..... 10,022 - 10,024
Court Notices ..... *10,022 - 10,024*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1179

KUMMISSARJI GĦALL-ĠUSTIZZJA

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skont l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Kap. 291), il-Prim Ministru approva t-tiġdid tal-ħatra bħala Kummissarji għall-Ġustizzja għal perjodu ta' sentejn ta':

Busuttil, Dott. Luciano – b'seħħ mill-10 ta' Ġunju, 2025;

Vella, Dott. Amanda – b'seħħ mit-22 ta' Mejju, 2025.

Il-25 ta' Lulju, 2025
(MJCL/67/2017/1)

Nru. 1180

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozzi ta' Liġi li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru 142 imsejjaħ l-Att tal-2025 li jemenda Diversi Liġijiet dwar it-Taxxa;

Abbozz ta' Liġi Nru 143 imsejjaħ l-Att tal-2025 li jemenda l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp;

Abbozz ta' Liġi Nru 144 imsejjaħ l-Att tal-2025 dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar; u

Abbozz ta' Liġi Nru 145 imsejjaħ l-Att tal-2025 dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali.

Il-25 ta' Lulju, 2025

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 170

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

GOVERNMENT NOTICES

No. 1179

COMMISSIONERS FOR JUSTICE

IT is being notified for general information that in accordance with the Commissioners for Justice Act (Cap. 291), the Prime Minister approved the renewal of appointment as Commissioners for Justice for a period of two years of:

Busuttil, Dr Luciano – with effect from the 10th June. 2025;

Vella, Dr Amanda – with effect from the 22nd May, 2025.

25th July, 2025

No. 1180

PUBLICATION OF BILLS IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bills are published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 142 entitled the Various Revenue Laws (Amendment) Act, 2025;

Bill No. 143 entitled the Development Planning (Amendment) Act, 2025;

Bill No. 144 entitled the Environment and Planning Review Tribunal Act, 2025; and

Bill No. 145 entitled the National Interest (Enabling Powers) Act, 2025.

25th July, 2025

POLICE NOTICE

No. 170

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Ħaż-Żabbar

Nhar is-Sibt, 2 ta' Awwissu, 2025 mill-4.00 p.m. sas-1.30 a.m., minn Trejqa Tal-Fata.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-25 ta' Lulju, 2025

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Ħaż-Żabbar

On Saturday, 2nd August, 2025 from 4.00 p.m. to 1.30 a.m., through Trejqa Tal-Fata.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

25th July, 2025

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1927

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-18 ta' Frar, 2025, fuq talba ta' HSBC Bank Malta plc ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sidien injoti tad-directus dominius, fl-atti taċ-ċedola numru 347/2025 fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 2118/2024 fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc (C3177) vs Kuraturi Deputati sabiex lis-sidien injoti tad-directus dominius tal-għotja emfitewtika rigardanti l-propjeta hawn taħt deskritta preżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fl-14 ta' Frar, 2025, fejn HSBC Bank Malta plc espona bir-rispett:

Illi l-esponenti hija proprjetàrja tal-fond 189, Triq Rudolfo, Tas-Sliema, liema proprjetà ġiet akkwistata mill-esponenti tramite bejgħ b'subbasta miżmum fil-15 ta' April, 1999;

Illi din il-proprjetà hija suġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €18.63 ekwivalenti għal Lm8;

Illi s-sidien preżenti tad-directus dominius gravanti l-istess fond mhumiex magħrufa lill-esponenti.

Għaldaqstant, l-esponenti qiegħda tadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha tiddepożita

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 18th February, 2025, following a request by HSBC Bank Malta plc vs Deputy Curators to represent the unknown direct owners in the records of the schedule of deposit number 347/2025 in the names HSBC Bank Malta plc vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent, number 347/2025 in the names of HSBC Bank Malta plc (C3177) vs Deputy Curators to represent the unknown direct owners in connection with the emphyteutical concession hereinunder described, filed in the First Hall of the Civil Court on the 14th February, 2025, the applicant HSBC Bank Malta plc respectfully submitted:

That the applicant is the owner of the premises at 189 Triq Rudolfo, Tas-Sliema, which property was acquired by the applicant by means of a judicial sale held on the 15th April, 1999;

That this property is subject to the annual and perpetual groundrent of €18.63 equivalent to Lm8;

That the present owners of the directus dominius burdening the same premises are not known to the applicants.

Thus, the applicant is calling upon this Honourable Court and under its authority deposits the sum of €93.15

s-somma ta' €93.15 inkwantu ħames pagamenti ta' ċens fir-rigward tal-proprjetà hawn fuq deskritta u s-somma ta' €18.63 rappreżentanti ħlas ta' lawdemju li flimkien jirrappreżentaw ħlas assaldu għal kull pretensjoni fir-rigward ta' fidi ta' ċens, sabiex din is-somma tiġi liberament żbankata mill-intimati wara li jħallu d-debita riċevuta skont il-liġi.

Mittenti: 32. Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta

Notifika: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Audrey Demicoli, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 18 ta' Frar, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' Lulju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

as five payments of groundrent in respect of the property above described and the sum of €18.63 representing the payment of laudemium which together represent the full and final payment due for every claim in respect of redemption of groundrent, so that this sum be freely withdrawn by the respondents after leaving the due receipt according to law.

Applicant: 32, Triq il-Merkanti, Valletta

Notification: Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Audrey Demicoli, LLD, Doctor of Laws.

Today 18th February, 2025

Registry of the Superior Courts, today 25th July, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1928

B'digriet tal-21 ta' Lulju, 2025, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni (Kap. 12)

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-21 ta' Lulju, 2025, wara l-Mandat ta' Qbid numru 1564/24 ta' Michael Debono Limited (C10002), ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 24 ta' Settembru, 2025, fl-għaxra ta' filgħodu (10.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'numru 447, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, tal-vettura hawn taħt deskritta maqbuda mingħand Bhin KC Kamal (KI 0333886A).

By a decree given on the 21st July, 2025, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By decree given by the Civil Court, First Hall, on 21st July, 2025, following a Warrant of Seizure number 1564/24 of Michael Debono Limited (C10002), Wednesday, 24th September, 2025, at ten in the morning (10.00 a.m.) has been fixed sale by auction, to be held at number 447, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, of the following vehicle seized from the property of Bhin KC Kamal (ID 0333886A).

Vettura tal-marka Toyota C-HR Hybrid bin-numru tar-reġistrazzjoni BHM 007.

N.B. L-imsemmija vettura tinbiegħ bħalma ġiet deskritta fl-atti tas-Subbasta numru 1/25.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 25 ta' Lulju, 2025

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Vehicle of the make Toyota C-HR Hybrid with the registration number BHM 007.

The said vehicles will be sold as described in the acts of Judicial Sale file number 1/25.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 25th July, 2025

GAETANA AQUILINA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

1929

Permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Mejju, 2025, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors numru 234/2025AGV fl-ismijiet Michael Mercieca vs Sarah Gambin, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Sarah Gambin a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Michael Mercieca (KI 0231084M) vs Sarah Gambin (KI 0061591M) fl-atti tar-Rikors numru 234/2025AGV, ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-14 ta' Mejju, 2025, ir-rikorrenti Michael Mercieca (KI 0231084M) talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għaldaqshekk mill-istess Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-kawża fl-ismijiet Michael Mercieca vs Sarah Gambin (Rikors numru 234/2025AGV) hija differita għat-2 ta' Ottubru, 2025, fid-9.00 a.m.

Rikorrenti: Fort Cambridge, West 3, Apart 1404, Triq Robert Arrigo, Tas-Sliema

Intimata: 123A, Jasmine Fl. 6, Triq il-Ferrovija l-Qadima, Ħal Balzan

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 25 ta' Lulju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 27th May, 2025, of the Civil Court (Family Section), in the records of the application in the names Michael Mercieca vs Sarah Gambin, Application Number 234/2025AGV, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Sarah Gambin in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an Application in the records of the application Number 234/2025AGV in the names Michael Mercieca (ID 0231084M) vs Sarah Gambin (ID 0061591M) filed in the Civil Court (Family Section), on the 14th May, 2025, the applicant Michael Mercieca (ID 0231084M) requested this Honourable Court to:

1. Pronounce the dissolution of marriage between the parties;

2. Order the Registrar of Courts so that within the time specified by this Court, notify the Director of Public Registry regarding the dissoluion of marriage between them parties so that this is registered in the Public Registy.

The application in the names Michael Mercieca vs Sarah Gambin, Application number 234/2025AGV, has been postponed for hearing to the 2nd October, 2025, at 9.00 a.m.

Applicant: Fort Cambridge, West 3, Apart 1404, Triq Robert Arrigo, Tas-Sliema

respondent: 123A, Jasmine Fl. 6, Triq il-Ferrovija l-Qadima, Ħal Balzan

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 25th July, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603